

Brussell, 11 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10058/26

CADREFIN 259  
FIN 807  
RESPR 27  
POLGEN 143

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 - Kaxxa ta' Negożjar

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2028-2034, li jikkonsisti fi proposti għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-QFP għas-snin 2028-2034, għal Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, u għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, akkumpanjat minn għadd ta' proposti leġiżlattivi settorjali. Fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi settorjali addizzjonali.
2. Fid-9 ta' Diċembru 2025, il-Presidenza Daniża ppreżentat abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar<sup>1</sup>, li jiġbor kwistjonijiet orizzontali u finanzjarji u kwistjonijiet oħra politikament sensitivi li jeħtieġ jiġu indirizzati matul in-negożjati orizzontali dwar il-QFP.

---

<sup>1</sup> ST 16344/25.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

3. Filwaqt li bniet fuq il-progress li sar mill-Presidenza Daniża, il-Presidenza Ċiprijotta kompliet l-eżami tat-testi tal-pakkett fil-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (AHWP MFF), is-sottogruppi tiegħu u korpi preparatorji rilevanti oħra tal-Kunsill.
4. L-AHWP QFP kellu 15-il laqgħa bejn is-7 ta' Jannar u t-2 ta' Ġunju 2026, li ffukaw fuq l-implikazzjonijiet orizzontali u finanzjarji tal-proposti differenti tal-pakkett tal-QFP, inkluż fir-rigward tal-parti tad-dħul.
5. Fil-laqgħa tal-AHWP QFP tal-14 ta' April 2026, l-Istati Membri kellhom l-opportunità jeżaminaw nota mill-Presidenza<sup>2</sup> dwar aġġustamenti mmirati fl-abbozz ta' Kaxxa ta' Negozjar, bil-ħsieb tat-tħejjija ta' Kaxxa ta' Negozjar biċ-ċifri.
6. Matul il-Presidenza Ċiprijotta, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta wkoll il-QFP f'ħames okkażjonijiet, inkluż fil-kuntest tat-tħejjijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali.
7. F'Marzu u f'Mejju, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali kellu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar il-QFP, iddedikati għall-arranġamenti ta' governanza għal strumenti finanzjarji ewlenin tal-QFP u għall-kontribut tal-QFP għas-Suq Uniku rispettivament.

---

<sup>2</sup> ST 8006/26.

### **III. IL-KAXXA TA' NEGOZJAR**

8. L-għan tal-preżentazzjoni ta' Kaxxa ta' Negozjar huwa li jkunu identifikati u kkonfermati l-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati matul in-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u, fejn xieraq, li tiġi ffaċilitata d-diskussjoni dwar l-għażliet u s-soluzzjonijiet dwar kwistjonijiet individwali. Il-preżentazzjoni tal-Kaxxa ta' Negozjar ma għandhiex l-għan li twassal għal xi dibattiti jew compromessi konklużivi f'dan l-istadju.
9. Il-Kaxxa ta' Negozjar hija mfassla u żviluppata taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza. Għaldaqstant mhuwa vinkolanti fuq l-ebda delegazzjoni. Il-Presidenza tibqa' ggwidata mill-prinċipju li mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox.
10. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness Kaxxa ta' Negozjar riveduta biċ-ċifri.

---

**I. ORIZZONTALI**

1. Il-QFP il-ġdid ser ikopri seba' snin bejn l-2028 u l-2034. Il-baġit ser jippermetti lill-UE tirispondi għall-isfidi attwali u futuri u tissodisfa l-prijoritajiet politiċi tagħha. Huwa jkopri politiki ġodda u oħrajn stabbiliti biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-prosperità fit-tul tal-UE. L-Ewropa jeħtieġ li terfa' r-responsabbiltà għas-sigurtà tagħha stess, inkluż permezz ta' kapaċitajiet ta' difiża aktar b'saħħithom, il-protezzjoni tal-fruntieri u l-valuri tagħna, u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, u tagħti spinta wkoll lill-kompetittività tagħha u lill-isforzi ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Fl-istess ħin, jibqgħu kruċjali l-politiki stabbiliti li jirriżultaw mill-obbligi tat-Trattat inkluż il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-politika agrikola komuni.
2. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2028 sal-2034 ser ikollu l-istruttura li ġejja:
  - i) Intestatura 1 "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura u żvilupp rurali, affarijiet marittimi, prosperità u sigurtà";
  - ii) Intestatura 2 "Kompetittività, prosperità u sigurtà";
  - iii) Intestatura 3 "Ewropa Globali";
  - iv) Intestatura 4 "Amministrazzjoni".

Hija meħtieġa struttura tal-baġit aktar sempliċi u aktar effiċjenti biex tipprovdi kapaċità ta' rispons fi żmien ta' inċertezza ġeopolitika u ekonomika. Il-ġabra tal-infiq taħt erba' Intestaturi hija maħsuba biex tirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u tipprevedi l-flessibbiltà meħtieġa fl-interess tal-allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-għadd ta' programmi għandu l-għan li jiżgura koerenza u jippromwovi sinerġiji. Il-qafas ġenerali ser jirrifletti s-simplifikazzjoni u għandu jwassal għal tnaqqis fil-piż amministrattiv għall-benefiċjarji, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi tal-awditjar.

3. Il-QFP ser joffri opportunitajiet għal appoġġ lir-reġjuni kollha tal-fruntieri esterni tal-UE, inkluż ir-reġjuni li jmissu mar-Russja, il-Belarusja jew l-Ukrajna, bl-għan li jissaħħu l-prontezza tad-difiża u l-kapaċitajiet kritiċi, il-preparatezza, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-Ewropa kif ukoll sabiex jiġu indirizzati l-isfidi fl-ekonomiji, l-iżvilupp soċjali u territorjali u l-konnettività tagħhom.
4. Iċ-ċifra totali massima tan-nefqa għall-UE 27 għall-perjodu 2028-2034 hija ta' EUR [1 730 228] miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR [1 733 456] miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. It-tqassim tal-ammonti tal-limiti massimi annwali tal-approprjazzjonijiet ta' impenn skont l-Intestatura huwa deskritt hawn taħt. L-istess ċifri huma mniżżlin ukoll fit-tabella li tinsab fl-Anness I li tistabilixxi wkoll il-limiti massimi annwali tal-approprjazzjonijiet ta' pagament. Iċ-ċifri kollha huma espressi bl-użu ta' prezzijiet kostanti tal-2025.
5. Ser ikun hemm aġġustamenti tekniċi annwali awtomatiċi għall-inflazzjoni bl-użu ta' [deflatur ta' 2 %, li ser jiġi aġġustat b'mod tekniku għas-sena n+1 bl-inflazzjoni mbassra jekk it-tbassir ikun inqas minn 1 % jew aktar minn 3 %] JEW [deflatur fiss ta' 2 %].
6. Il-QFP ser jiġi rivedut f'każ ta' reviżjoni tat-Trattati, riunifikazzjoni ta' Ċipru jew l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni.
7. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2032.

### **Simplifikazzjoni**

8. Il-QFP ser isegwi struttura simplifikata u razzjonalizzata bl-għan li titnaqqas ir-riġidità u jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji. Barra minn hekk, il-QFP għandu jtaffi t-trikkib tal-oġġettivi bejn il-programmi u jipprovdi aċċess simplifikat għall-opportunitajiet ta' finanzjament u informazzjoni baġitarja lill-applikanti u l-benefiċjarji. Barra minn hekk, it-tnaqqis fl-għadd ta' programmi għandu l-għan li jiżgura koerenza u jippromwovi sinerġiji.

9. Ir-RAL (reste à liquider) huwa prodott sekondarju inevitabbli tal-ipprogrammar pluriennali u l-appropriazzjonijiet differenzjati. Madankollu, ir-RAL mistenni jilħaq EUR [X] biljun sal-aħħar tal-qafas finanzjarju għall-2021-2027, li jwassal għal pagamenti mill-QFP attwali li jikkostitwixxu ammont sinifikanti ta' pagamenti ġenerali fl-ewwel snin tal-QFP li jmiss. Sabiex jiġu żgurati livell u profil prevedibbli kif ukoll progressjoni b'mod ordnat tal-pagamenti u biex tiżdied il-kapaċità ta' rispons tal-baġit tal-UE, jittieħdu bosta miżuri, bħas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni, l-istabbiliment ta' rati ta' prefinanzjament xierqa u ta' regoli xierqa dwar il-pagamenti u ta' diżimpenn u adozzjoni f'waqtha tal-leġiżlazzjoni settorjali għall-QFP 2028-2034.
10. Fil-każ tal-adozzjoni ta' regoli jew pjanijiet taħt ġestjoni kondiviża wara [t-30 ta' Novembru 2028], l-ammonti li jikkorrispondu għall-allokkazzjonijiet mhux użati fl-2028[, għajr impenji għall-prefinanzjament,] ser jiġu ttrasferiti fi proporzjonijiet ugwali għal kull waħda mis-snin mill-2029 sal-2032 b'aġġustament korrispondenti għal-limiti massimi tal-QFP.
11. Skont il-prinċipju tal-unità baġitarja, bħala regola, il-punti kollha ta' nefqa tal-UE ser jiġu inklużi fil-QFP. Madankollu, minħabba l-ispeċifitajiet tagħhom, xi strumenti ser jitpoġġew barra mil-limiti massimi tal-QFP taħt appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jew jikkostitwixxu punti barra l-baġit.

### **Flessibbiltà**

12. L-Unjoni għandu jkollha l-kapaċità li ttrrispondi għal ċirkostanzi eċċezzjonali u prijoritajiet li jinbidlu, kemm interni kif ukoll esterni. Fl-istess waqt, il-ħtieġa għall-flessibbiltà għandha tkun meqjusa fir-rigward tal-prevedibbiltà għal investimenti fit-tul, kif ukoll il-prinċipji tad-dixxiplina baġitarja u t-trasparenza tan-nefqa tal-UE filwaqt li tiġi rrispettata n-natura vinkolanti tal-limiti massimi tal-QFP.
13. F'konformità mal-kapaċità ta' rispons għall-ħtiġijiet li qed jevolvu u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tal-fondi, il-QFP għandu jiffaċilita r-riallokkazzjonijiet u r-riprogrammazzjoni possibbli fil-programmi u bejniethom. Kwalunkwe devjazzjoni possibbli mill-pakkett finanzjarju indikattiv għal programmi pluriennali ma għandhiex tkun aktar minn [20] % tal-ammont għad-durata kollha tal-programm. Dan ma japplikax għall-appropriazzjonijiet allokatu minn qabel għal kull Stat Membru.

14. Ser jiġu stabbiliti marġnijiet xierqa f'kull Intestatura. F'ċerti programmi, ser jiġu stabbiliti ammonti u riżervi mhux allokat. F'ambjent li qed jevolvi malajr, ir-riżorsi għar-rispons għal kriżijiet bħal diżastri naturali għandhom ikunu wkoll parti mill-flessibbiltà integrata f'ċerti programmi mingħajr ma jimminaw l-objettivi primarji tagħhom.
15. L-Istrument ta' Marġini Uniku (SMI) ser jinkludi dan li ġej:
- i) Mill-2029, il-marġnijiet li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' impenn tas-sena n-1 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' impenn fil-qafas tal-proċedura baġitarja (il-Marġni Globali għall-Impenji).
  - ii) Mill-202[9], bħala parti mill-aġġustament tekniku, il-Kummissjoni tista' taġġusta 'l fuq il-limitu massimu tal-pagamenti għas-snin [2029-2034] b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti eżegwiti u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP tas-sena n-1 (Marġni Globali għall-Pagamenti). Kwalunkwe aġġustament 'il fuq għandu jiġi kkompensat bis-sħiħ bit-tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti għas-sena n-1. L-aġġustamenti annwali fis-snin [203X-2034] ma għandhomx jaqbu EUR [X] miljun meta mqabbla mal-limitu massimu tal-pagament oriġinali.
  - iii) Bħala l-aħħar alternattiva biex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux previsti, l-ammonti jistgħu jsiru disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' impenn jew ta' pagament, dment li jiġu kkompensati bis-sħiħ bil-marġnijiet f'Intestatura waħda jew aktar tal-QFP għas-snin finanzjarji attwali jew futuri jew bil-marġni taħt il-limitu massimu tal-pagamenti (Marġni ta' Kontinġenza). L-ammonti hekk ikkompensati ma għandhomx jiġu mobilizzati aktar fil-kuntest tal-QFP.

16. L-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiffinanzja nefqa mhux prevista identifikata b'mod ċar li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli għal Intestatura waħda jew aktar. L-appropriazzjonijiet ser jaqbzū l-limiti massimi tal-QFP għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. L-ammont annwali fiss għall-Istrument ta' Flessibbiltà ser ikun stabbilit għal EUR [2 000] miljun. Kull sena, mill-2029, l-ammont annwali fiss disponibbli għall-Istrument ta' Flessibbiltà ser jiżdied bi:

- i) [ammont ekwivalenti għal multi mdaħħla fil-baġit fis-sena n-2;]
- ii) [ammont ekwivalenti għad-diżimpenji tal-appropriazzjonijiet magħmula matul is-sena n-2;]

Il-porzjon mhux użat tal-ammont annwali tal-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jintuża sas-sena n+2. Kwalunkwe porzjon tal-ammont annwali mis-sena n li ma jintużax sas-sena n+2 ser jiskadi.

## **Governanza**

17. Il-grad meħtieġ ta' flessibbiltà ġenerali għandu jkun sostnut minn governanza robusta u involviment xieraq tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill, fl-ippjanar u l-aġġustament tal-attivitajiet u l-prijoritajiet kif ukoll fl-implimentazzjoni tal-baġit. Dan għandu jiżgura li l-baġit tal-UE jkun allinjat mill-qrib mal-prijoritajiet tal-Unjoni fil-programmi ta' nfiq kollha.
18. [Ser jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid ta' tmexxija politika bil-għan li jittejjbu l-kwalità u l-effiċjenza tal-proċedura baġitarja annwali. Kull sena sa mhux aktar tard minn nofs Diċembru, il-Kummissjoni ser tippreżenta rapport ta' strateġija integrat ibbażat fuq proċessi u rapporti settorjali, li jiddeskrivi l-prijoritajiet ta' finanzjament possibbli għall-politiki rilevanti tal-Unjoni biex tingħata informazzjoni fir-rigward tal-proċedura baġitarja annwali. Dan ir-rapport ser ikollu l-għan li jiggwida diskussjoni strutturata bħala kontribut għall-Awtorità Baġitarja qabel il-proċedura baġitarja annwali. Il-Kummissjoni ser tirrifletti l-eżitu ta' din id-diskussjoni u l-prijoritajiet identifikati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill meta tippreżenta l-abbozz tal-baġit tagħha. Il-prijoritajiet strateġiċi ġenerali tal-Kunsill għall-baġit annwali ser jiġu riflessi fil-Linji Gwida Baġitarji tiegħu. Dawk il-Linji Gwida ser jintbagħtu lill-Kunsill Ewropew.]

19. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti mill-qrib u b'mod f'waqtu fl-istabbiliment tal-prijoritajiet u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programmi ta' ħidma fil-programmi ta' nfiq fil-fora xierqa, inkluż meta rilevanti permezz ta' proċeduri ta' komitoloġija xierqa u jippreservaw l-involviment tagħhom fil-proċedura ta' eżami filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn. Il-Kunsill ser ikun involut kif adatt permezz ta' diskussjonijiet strateġiċi. Kull istituzzjoni ser taġixxi fil-limiti tas-setgħat konferiti lilha mit-Trattati. L-atti delegati għandhom ikunu limitati għal elementi mhux essenzjali tal-atti leġiżlattivi rispettivi.
20. Bħala regola, id-durata tal-programmi settorjali tal-QFP għandha tkun allinjata mal-perjodu ta' żmien tal-QFP 2028-2034.

### **Impatt u Prestazzjoni**

21. Għandu jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-baġit tal-UE b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva ta' objettivi tal-politika madwar l-UE kollha. Għandu jiġi stabbilit qafas għall-ittrekking tan-nefqa u għall-prestazzjoni għall-baġit tal-UE biex jirrifletti r-riżultati u l-progress tar-riforma miksub mill-infiq tal-UE kif ukoll biex ikejjel l-effett tal-baġit tal-UE sabiex jinforma d-deċiżjonijiet ta' politika futuri. Il-qafas ta' prestazzjoni orizzontali għandu jikkontribwixxi wkoll biex jillimita l-piż amministrattiv assoċjat mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għall-awtoritajiet u l-benefiċjarji.
22. Il-baġit għandu jipprovdi ingranaġġ sostanzjali biex jiżdied l-impatt tal-infiq tal-UE. Dan jinkludi grad suffiċjenti ta' kofinanzjament fil-programmi kollha. Barra minn hekk, f'konformità mal-isforz ġenerali ta' konsolidazzjoni, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji għandhom jiġu ssimplifikati aktar, b'mod partikolari permezz tas-sett ta' għodod finanzjarji tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Ewropa Globali, u b'hekk il-baġit jiġi ingranat biex jiġu mobilizzati l-investimenti privati. Filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-opportunitajiet ta' dan it-tip ta' finanzjament, l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw minn strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib.

23. Il-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni għandhom, b'mod ġust, soċjalment ibbilanċjat, ekwu u kosteffettiv, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-impenji fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll biex tiġi promossa l-protezzjoni ambjentali u tal-bijodiversità. Bħala parti mill-isforzi biex jinkisbu riżultati dwar dawn il-prijoritajiet, mill-inqas 35 % tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni, minbarra l-infiq relatat mad-difiża u s-sigurtà għandhom jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi u ambjentali mirfuda minn metodoloġija effiċjenti, proporzjonali u trasparenti. Għandu jiġi żgurat li n-nefqa tal-UE tkun konsistenti mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", il-mira klimatika tal-Unjoni li l-emissjonijiet jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030 u l-oġettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, filwaqt li jiġu limitati l-piżijiet amministrattivi għall-awtoritajiet u għall-benefiċjarji.
24. Sabiex tiġi protetta l-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-UE u l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-QFP għandu jinkludi salvagwardji b'saħħithom biex jiġi żgurat ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-applikazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri, u ser jiġi applikat b'mod ekwu, imparzjali u bbażat fuq il-fatti biex jiġi żgurat proċess ġust.

Sistema solida u effiċjenti ta' awditjar u kontroll ser tiżgura l-legalità u l-affidabbiltà tal-pagamenti, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni tar-responsabbiltajiet u tqis il-prinċipju tal-proporzjonalità.

## **II. INTESTATURA 1 – KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI, AGRIKOLTURA U ŻVILUPP RURALI, AFFARIJET MARITTIMI, PROSPERITÀ U SIGURTA**

25. L-objettiv ta' din l-Intestatura huwa li twassal valur miżjud tal-UE billi titrawwem il-koeżjoni, il-konverġenza 'l fuq, it- tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà, billi jiġu appoġġati l-investimenti u r-riformi għal Ewropa inklużiva, sostenibbli, prospera, awtonoma u sigura. In-nefqa taħt din l-Intestatura ser ikollha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali, trawwem l-attraenza u l-iżvilupp taż-żoni rurali, tappoġġa setturi agrikoli u tas-sajd tal-UE reżiljenti, kompetittivi u sostenibbli, kif ukoll tagħti spinta lill-ekonomija blu, tinvesti fin-nies, issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' difiża tal-Unjoni, issaħħaħ is-sigurtà u l-ġestjoni tal-migrazzjoni u tipproteġi l-fruntieri esterni tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku madwar l-Unjoni. Din l-intestatura ser tkopri wkoll il-ħlas lura tan-NextGenerationEU (NGEU).
26. Il-biedja u s-sajd huma setturi strateġiċi għall-Unjoni, li jiżguraw ikel sikur u ta' kwalità għolja għall-UE u li għandhom rwol ewlieni fis-sigurtà dinjija tal-ikel. L-istabbilizzazzjoni tal-introjt tal-bdiewa, l-attrazzjoni ta' ġenerazzjoni futura ta' bdiewa, il-garanzija tas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni u l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn settur agrikolu ekonomikament, ambjentalment, soċjalment reżiljenti, sostenibbli u orjentat lejn is-suq b'kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni jibqgħu prijoritajiet fundamentali għall-Politika Agrikola Komuni ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Fl-istess spirtu, il-baġit tal-UE ser ikompli jiffinanzja Politika Komuni tas-Sajd reżiljenti.
27. Il-promozzjoni ta' żvilupp armonjuż ġenerali tal-Unjoni u t-tnaqqis tad-disparitajiet billi jiġi appoġġat it-tiżiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha jibqgħu l-pedament tal-politika ta' Koeżjoni. Il-baġit tal-UE ser ikompli jipprovdi finanzjament għall-investimenti u l-aġġustamenti strutturali fil-kategoriji kollha tar-reġjuni, skont l-isfidi speċifiċi tagħhom, b'attenzjoni partikolari mogħtija lir-reġjuni inqas żviluppati.

28. L-azzjoni koordinata fil-livell tal-UE fir-rigward tal-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni huwa essenzjali biex tiġi żgurata ġestjoni aktar effiċjenti tal-migrazzjoni u livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni filwaqt li jiżgura il-prinċipju tal-moviment liberu ta' persuni u oġġetti fl-Unjoni. Il-baġit tal-UE ser ikompli jappoġġa t-tiżni tas-sigurtà interna, inkluż fir-rigward ta' kriżijiet tas-sigurtà kkawżati minn sfidi ġeopolitiċi li qed jevolvu, u l-implimentazzjoni, it-tiżni u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar il-migrazzjoni u l-ażil u tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u l-politika Ewropea dwar il-viżi. Ser jiġi żgurati sinerġiji mal-politika esterna biex tiġi indirizzata d-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni.

29. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jeċċedi:

INTESTATURA 1 - KOEŻJONI EKONOMIKA, SOĊJALI U TERRITORJALI, AGRİKOLTURA U ŻVILUPP RURALI, AFFARIJET MARITTIMI, PROSPERITÀ U SIGURTÀ						
(Miljun ta' euro, prezzijiet tal-2025)						
2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
X	X	X	X	X	X	X

**Fond Ewropew għal Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali kif ukoll għall-Agricoltura u l-Qasam Rurali, għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi, għall-Prosperità u għas-Sigurtà**

30. Ser jiġi stabbilit Fond Ewropew għal Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali kif ukoll għall-Agricoltura u l-Qasam Rurali, għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi, għall-Prosperità u għas-Sigurtà biex jikkontribwixxi għall-oġġettivi ta' politika li ġejjin:
- Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni billi jitnaqqsu l-iżbilanċi reġjonali fl-Unjoni u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, inkluż l-appoġġ għal proġetti fil-qasam tal-ambjent u n-networks trans-Ewropej;
  - Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni billi jittejjbu l-impjiegi ta' kwalità, it-taħriġ, l-edukazzjoni u l-ħiliet u l-inklużjoni soċjali u kontribut għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn in-newtralità klimatika;
  - Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni;
  - Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni;
  - Protezzjoni u tisħiħ tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ħarsien tal-valuri tal-Unjoni.
  - Appoġġ għall-implimentazzjoni ta' politiki relatati mal-ażil, il-migrazzjoni, l-integrazzjoni kif ukoll il-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi u s-sigurtà interna.
31. Il-Fond ser jitwassal prinċipalment permezz ta' pakketti finanzjarji allokatu minn qabel fil-livell nazzjonali u implimentati b'ġestjoni kondiviża.

32. Il-pakkett finanzjarju taħt il-Fond Ewropew għal Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali kif ukoll għall-Agricoltura u l-Qasam Rurali, għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi, għall-Prosperità u għas-Sigurtà ser jammonta għal total ta' EUR [770 366] miljun u ser jiġi allokati kif ġej:
- i) EUR [705 250] miljun għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, li minnhom:
    - a) Mill-inqas EUR [195 024] miljun għal reġjuni inqas żviluppatti;
    - b) Mill-inqas EUR [261 013] miljun għall-appoġġ għall-introjt tal-Politika Agrikola Komuni;
    - c) Mill-inqas EUR [3 549] miljun għall-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd;
    - d) Mill-inqas EUR [30 608] miljun għall-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viżi u l-miżuri ta' sigurtà interna.
  - ii) EUR [9 045] miljun għall-Pjan Interreg
  - iii) EUR [56 071] miljun għall-Faċilità tal-UE
- Sa [0.5] % tal-ammont globali ser jiġi allokati għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.
33. Mill-inqas 14 % tal-ammont globali taħt il-Fond, inkluż il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, mingħajr ma jingħaddu l-ammonti minimi għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni u tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-finanzjament taħt il-Fond Soċjali għall-Klima, ser ikunu ddedikati biex jintlaħqu l-oġettivi soċjali tal-Unjoni.
34. Mill-inqas [10] % tal-ammont globali taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, mingħajr ma jingħaddu l-ammonti minimi għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni u tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-finanzjament taħt il-Fond Soċjali għall-Klima, ser ikunu ddedikati għaż-żoni rurali.
35. Barra minn hekk, il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali mistennija jikkontribwixxu 43 % tal-ammont globali biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u dan mingħajr ma jingħaddu l-miżuri li jikkontribwixxu għad-difiża u s-sigurtà.

Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali

36. L-Istati Membri ser iħejju Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali biex jappoġġaw l-objettivi ġenerali u, filwaqt li jqisu l-isfidi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat u r-reġjuni tiegħu, jikkontribwixxu għas-sitt objettivi speċifiċi u għall-objettivi speċifiċi rilevanti taħt kull subparagrafu tal-Fond. Il-pjanijiet ser jistabbilixxu riformi u investimenti u interventi oħra li jindirizzaw b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha jew subsett sinifikanti minnhom skont is-Semestru Ewropew, ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, ir-rakkomandazzjoni nazzjonali tal-PAK, ir-rakkomandazzjonijiet tad-Deċennju Diġitali, il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima u d-dokumenti u l-istrateġiji rilevanti fil-qasam tal-affarijiet interni. Il-valutazzjoni tal-pjan ser tqis ukoll l-allokazzjoni finanzjarja kif ukoll l-firxa u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż tal-Istat Membru kkonċernat, il-prinċipji tal-proporzjonalità u tat-trattament ugwali u jekk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti humiex indirizzati fi pjanijiet jew dokumenti nazzjonali oħra adottati fil-livell tal-UE.
37. Il-pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ser jitħejjew u jiġu implimentati f'konformità mal-prinċipji tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli inkluż l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istati Membri. Għal dan l-għan, it-tfassil tal-pjan għandu jirrifletti l-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u awtoritajiet pubbliċi oħra.

38. Il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ser jinqasmu f'kapitoli. L-Istati Membri jistgħu jinkludu kapitoli nazzjonali, settorjali kif ukoll reġjonali u territorjali, li jiżguraw l-involviment ta' diversi partijiet ikkonċernati. Stat Membru jista' jinkludi diversi kapitoli reġjonali u territorjali. Il-pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali jistgħu jinkludu kapitolu dwar il-Politika Agrikola Komuni biex jikkontribwixxi għall-identità speċifika tal-PAK.
39. Fil-programmazzjoni tagħhom, l-Istati Membri ser jiżguraw investimenti xierqa għall-miżuri tal-politika ta' koeżjoni fil-kategoriji kollha tar-reġjuni, filwaqt li jqisu l-livelli attwali ta' investment. Jekk l-allokkazzjoni għar-reġjuni fi tranżizzjoni u dawk aktar żviluppatti tkun inqas minn [25] % tal-livell ta' investment attwali, l-Istati Membri ser jipprovdu ġustifikazzjoni bbażata fuq kriterji oġġettivi.
40. Il-Pjanijiet ser jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mill-preżentazzjoni u approvati mill-Kunsill. L-emendi għall-Pjanijiet ser jiġu vvalutati mill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-Pjan emendat u approvati mill-Kunsill. Il-Kummissjoni tista', f'każijiet debitament ġustifikati, tipproponi li l-Istat Membru jemenda miżuri eżistenti jew jintroduċi miżuri ġodda.
41. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu awtoritajiet ta' ġestjoni fil-livell reġjonali, filwaqt li jiżguraw l-involviment dirett tal-awtoritajiet reġjonali fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet. L-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali jistgħu jinteraġixxu direttament mal-Kummissjoni. Meta Stat Membru jidentifika aktar minn awtorità ta' ġestjoni waħda, huwa ser jaħtar funzjoni ta' koordinazzjoni biex jiżgura implimentazzjoni koerenti tal-pjan. Sa fejn ikun possibbli, biex jiġu żgurati l-kontinwità u l-kosteffettività, l-Istati Membri għandhom jibnu fuq l-istrutturi u l-istituzzjonijiet ta' governanza eżistenti.

42. L-iżborż tal-pagamenti ser ikun ibbażat fuq l-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri jew l-outputs rilevanti. L-awditjar ser jitwettaq bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awditu uniku.
43. Ammont ta' flessibbiltà li jikkorrispondi għal [25] % tal-ammont allokati lill-Istati Membri skont il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ser ikun disponibbli għall-programmazzjoni kif ġej:
- i) 5 % biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi bħala rispons għal sitwazzjoni ta' kriżi qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu. Kwalunkwe ammont li jifdal ser jiġi pprogrammat matul ir-rieżami ta' nofs it-terminu għal ħtiġijiet li jkunu qed jevolvu;
  - ii) [15] % wara r-rieżami ta' nofs it-terminu biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li jkunu qed jevolvu;
  - iii) 5 % biex jiġu indirizzati ħtiġijiet urġenti u speċifiċi bħala rispons għal sitwazzjoni ta' kriżi wara r-rieżami ta' nofs it-terminu mill-2031. Kwalunkwe ammont li jifdal ser ikun disponibbli għall-programmazzjoni skont il-pjan wara Ġunju 2033.
- L-ammont ta' flessibbiltà mhux ser iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-Interreg u l-miżuri ta' appoġġ delimitati għall-agrikoltura.
44. L-Istati Membri jistgħu jużaw sa [2/3] tal-ammont disponibbli għar-rieżami ta' nofs it-terminu biex jiffinanzjaw interventi jew miżuri tal-PAK għaż-żoni rurali mill-1 ta' Jannar 2028.

45. Fil-każ ta' kriżi, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li jemendaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom biex jirrispondu għall-kriżi. Fit-talba tagħhom għal emenda, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' riprogrammazzjoni, meta jkun possibbli, taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom bil-ħsieb li jindirizzaw l-impatt tal-kriżi fuq il-miżuri eżistenti.

Għal diżastri naturali u kriżijiet tas-saħħa li jaqbru l-limiti għall-azzjoni ta' Solidarjetà tal-UE, l-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll appoġġ mill-azzjoni ta' Solidarjetà tal-UE fil-qafas tal-Faċilità tal-UE, soġġett għad-disponibbiltà ta' finanzjament. Kwalunkwe ammont riċevut mill-Faċilità tal-UE għandu tal-anqas jiġi abbinat ma' ammont ekwivalenti mill-ammont ta' flessibbiltà għall-kriżi tal-Pjan tal-PNR, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

Għal diżastri naturali u kriżijiet tas-saħħa taħt il-livelli limitu għall-azzjoni ta' Solidarjetà tal-UE, u għall-kriżijiet l-oħra kollha, inkluż pagamenti għall-kriżijiet lill-bdiewa u kriżijiet fil-qasam tal-affarijiet interni, l-Istati Membri jistgħu jipprograww l-ammont ta' flessibbiltà tagħhom biex jindirizzaw l-impatti tal-kriżi. Għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq agrikoli, ser jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-azzjoni tax-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda tal-Faċilità tal-UE. Għall-kriżijiet fil-qasam tal-affarijiet interni, l-Istati Membri jistgħu jirċievu wkoll appoġġ finanzjarju mill-azzjoni tal-affarijiet interni tal-Faċilità tal-UE.

L-Istati Membri ser jippreżentaw talba waħda biss għal emenda tal-Pjan li tiġbor fil-qosor il-ħtiġijiet ta' finanzjament mis-sorsi kollha, inkluż ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti soġġetta għad-disponibbiltà tal-finanzjament, u l-Kummissjoni ser tadotta deċiżjoni ta' finanzjament waħda relatata ma' din it-talba għal emenda.

46. [Fil-każ tal-adozzjoni tal-Fond wara [1-1 ta' Jannar 2028], għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi żgurat appoġġ għall-introjt tal-bdiewa għas-sena 2028.]

### Fond Soċjali għall-Klima

47. Il-Pjanijiet Soċjali għall-Klima taħt il-Fond Soċjali għall-Klima [ser] JEW [jistgħu] jiġu integrati bħala kapitoli separati tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali mill-2028. [L-Istati Membri jistgħu jittrasferixxu ammonti mill-allokkazzjonijiet tagħhom għall-2026 u l-2027 taħt il-Fond Soċjali għall-Klima għall-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom].

### [Catalyst Europe

48. Ammont ta' EUR [134 000] miljun f'appoġġ fil-forma ta' self ser ikun disponibbli għall-Istati Membri biex jiġi implimentat bħala parti mill-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom. It-talba għal appoġġ fil-forma ta' self ser tkun marbuta ma' riformi, investimenti u interventi oħra addizzjonali. It-talba għal appoġġ fil-forma ta' self ser issir sal-[31 ta' Jannar 2028].
49. L-appoġġ għas-self ser jitqassam abbażi tal-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza. Is-sehem tal-appoġġ fil-forma ta' self għall-akbar tliet riċevituri mhux ser ikun ogħla minn [60] % tal-ammont totali disponibbli għall-appoġġ.]

### Faċilità tal-UE

50. Ser tiġi stabbilita faċilità tal-UE biex tiżdied il-flessibilità u biex il-baġit tal-UE jkun jista' jindirizza b'mod aktar effettiv kriżijiet mhux previsti, kif ukoll biex jiffinanzja interventi li jikkomplementaw u jsaħħu l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. Il-faċilità tal-UE, implimentata taħt ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta, ser tkun magħmula minn:
- i) EUR [49 680] miljun għall-azzjonijiet tal-Unjoni, inkluż Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda li twieġeb għad-disturbi fis-suq u tistabbilizza s-swieq agrikoli [u l-impatt fuq il-bdiewa u s-sajjieda kkawżat minn diżastri naturali]; azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna; azzjonijiet ambjentali, tan-natura u klimatiċi, Azzjonijiet ta' Solidarjetà f'każ ta' diżastri naturali u azzjonijiet oħra tal-Unjoni. Mill-inqas EUR [14 928] miljun ser ikunu ddedikati għal Azzjonijiet ta' Solidarjetà, EUR [5 598] miljun iddedikati għax-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda, EUR [18 762] miljun iddedikati għall-azzjonijiet tal-Affarijiet Interni.
  - ii) EUR [6 391] miljun għall-[isfidi u l-prijoritajiet emerġenti] jew għar-riżerva [għall-kriżi].

51. Il-finanzjament mhux użat relatat max-Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda u l-Azzjonijiet ta' Solidarjetà f'każ ta' diżastri naturali u r-riżerva ser jiġi riportat għas-sena ta' wara u jista' jintuża sal-2034.

Impenji tal-baġit

52. L-impenji baġitarji (fi prezzijiet attwali) ta' kull Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ser isiru f'pagamenti annwali kif ġej:
- i) [15.8] % fl-2028
  - ii) [15.5] % fl-2029
  - iii) [15.1] % fl-2030
  - iv) [14.8] % fl-2031
  - v) [14.4] % fl-2032
  - vi) [12.8] % fl-2033
  - vii) [11.7] % fl-2034

Kategoriji ta' reġjuni

53. Għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, ir-reġjuni fil-livell NUTS2 huma kklassifikati abbażi tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) ta' kull reġjun, ikkalkulati bl-użu tad-data tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2023, kif ġej:
- i) "Reġjuni anqas żviluppati" li l-PDG per capita tagħhom ikun anqas minn 75 % tal-PDG per capita medju tal-UE-27;
  - ii) "Reġjuni fi tranżizzjoni" li l-PDG per capita tagħhom huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG per capita tal-UE-27;
  - iii) "Reġjuni aktar żviluppati" li l-PDG per capita tagħhom huwa oġġla minn 100 % tal-PDG per capita medju tal-UE-27.

Appoġġ taħt il-Politika Agrikola Komuni

54. Il-baġit tal-Unjoni ser ikompli jipprovdi appoġġ għall-introjtu lill-bdiewa u lill-biedja u l-produzzjoni tal-ikel sostenibbli bħala parti mill-Politika Agrikola Komuni, filwaqt li jilħaq l-oġġettivi stabbiliti fit-Trattati inkluż billi jipprovdi standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola.
55. Sabiex jinżamm status prominenti għall-Politika Agrikola Komuni għas-settur agrikolu Ewropew, ir-regolament tal-PAK ser jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi għall-Politika Agrikola Komuni. Ir-Regolament tal-PAK ser jiżgura Politika Agrikola Komuni b'saħħitha u integrata taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali.
56. L-għajjnuna medja ppjanata għal kull ettaru għall-appoġġ għall-introjtu bbażat fuq iż-żona għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni mhux ser tkun, fi prezzijiet attwali, inqas minn EUR [130] u mhux aktar minn EUR [240] għal kull Stat Membru.
57. [Ser tiġi introdotta skala digressiva għall-appoġġ għall-introjtu annwali totali bbażat fuq iż-żona f'konformità ma' dan li ġej:
- i) Għall-introjtu bbażat fuq iż-żona bejn EUR [20 000] u [50 000], l-ammont annwali ser jitnaqqas b'[25] %;
  - ii) Għall-introjtu bbażat fuq iż-żona bejn EUR [50 000] u [75 000], l-ammont annwali ser jitnaqqas b'[50] %;
  - iii) Għall-introjtu bbażat fuq iż-żona ta' aktar minn EUR [75 000], l-ammont annwali ser jitnaqqas b'[75] %]

58. Ser jiġi introdott limitu massimu tal-appoġġ għall-introjtu annwali totali bbażat fuq iż-żona għal benefiċjarji kbar [fuq bażi volontarja] fil-livell ta' EUR [100 000].
59. L-ammont li jirriżulta mid-digressività u mill-iffissar ta' limitu massimu ser jibqa' parti mill-ammont disponibbli għall-appoġġ għall-introjtu tal-Politika Agrikola Komuni.

#### Kundizzjonijiet orizzontali

60. Ser jiġu introdotti kundizzjonijiet orizzontali biex jiġi żgurat ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri. L-Istati Membri ser jistabbilixxu u jżommu mekkaniżmi effettivi biex jiżguraw il-konformità tal-miżuri appoġġati mill-Pjanijiet ta' tagħhom mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u r-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt matul l-implimentazzjoni kollha tal-Fond. Il-Kunsill ser ikun involut kif xieraq fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet orizzontali.

#### Metodoloġija ta' allokkazzjoni għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali

61. L-allokkazzjoni finanzjarja għall-Istati Membri skont il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali ser tiġi determinata bl-użu ta' koeffiċjent ġenerali u koeffiċjent tal-affarijiet interni, u magħha ser tiżdied il-kontribuzzjoni mill-allokkazzjoni tal-fond soċjali għall-klima għall-perjodu rilevanti. Fil-mument tal-preżentazzjoni tal-pjan inizjali ta' tagħhom, jew ma' kwalunkwe talba għal emenda, l-Istati Membri jistgħu jitolbu fuq bażi volontarja li jallokaw mill-ġdid sa [5] % tal-ammonti li jirriżultaw mill-koeffiċjent tal-affarijiet interni għal miżuri taħt il-koeffiċjent tal-Allokkazzjoni Ġenerali eskluż l-ammonti delimitati tal-PAK u tal-PAKS.

62. Il-koeffiċjent ġenerali ser jiġi ddeterminat għal kull Stat Membru kif ġej:

- i) Il-medja tas-sehem tal-Istat Membru mill-popolazzjoni totali tal-UE (2024) u s-sehem tal-Istat Membru mill-popolazzjoni totali tal-UE friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fiż-żoni rurali (2024).
- ii) Il-medja ser tiġi multiplikata bil-valur kwadrat tal-ING relattiv invers per capita f'kull Stat Membru meta mqabbel mal-medja tal-UE, imkejla f'PPS (2023), wara li jiġu inkorporati l-aġġustamenti li ġejjin:
  - a) Diskrepanza fil-Prosperità Reġjonali hija kkalkulata għar-reġjuni NUTS3 kollha b'PDG per capita, imkejjel f'PPS (2021-2023), taħt 75 % tal-medja tal-UE. Id-differenza bejn il-PDG per capita relattiv tar-reġjuni u l-medja tal-UE ta' 75 % ser tiġi aggregata skont il-popolazzjoni tar-reġjun (2022) u diviża bil-popolazzjoni totali tal-Istat Membru (2022).
  - b) Diskrepanza fil-Prosperità Agrikola tiġi kkalkulata billi titqies id-diskrepanza bejn il-pagamenti diretti, fil-livell tal-2027, għal kull ettaru potenzjalment eliġibbli (2022) u d-90 % tal-medja tal-UE għal kull Stat Membru. Dan ser jiġi multiplikat bl-ettari potenzjalment eliġibbli fl-Istat Membru (2022) u espress fir-rigward tal-pagamenti diretti, fil-livell tal-2027, għall-Istat Membru.

Il-koeffiċjent inizjali kif iddeterminat hawn fuq ser jiġi normalizzat għal 100 %. Limitu massimu u xibka ta' sikurezza normalizzati għal 100 %, ser jiġu applikati b'mod iterattiv sakemm l-ebda sehem ta' allokkazzjoni ta' Stat Membru ma jkun inqas minn 80 % jew oġġla minn 105 % tas-sehem ta' allokkazzjoni tiegħu għall-2021-2027 tal-fondi rilevanti allokat minn qabel taħt ġestjoni kondiviża. Minbarra l-koeffiċjent inizjali, ammont addizzjonali ta' EUR 5 203 miljun ser ikun disponibbli għall-Istati Membri li jibbenefikaw mill-Fond ta' Koeżjoni fil-QFP 2021-2027, li għandu jitqassam f'konformità mad-distanza relattiva tagħhom għal 94 % tal-allokkazzjonijiet tagħhom tal-2021-2027, b'limitu massimu ta' EUR 1 500 miljun għal kull Stat Membru. Dan l-ammont addizzjonali ser ikun iddedikat għall-finanzjament ta' miżuri barra mill-ammonti delimitati għall-PAK u l-PAKS.

63. Il-koeffiċjent tal-affarijiet interni ser jiġi determinat kif ġej:
- i) 45 % għall-ġestjoni tal-fruntieri b'90 % tas-sehem tal-Istat Membru mit-total tal-fruntieri tal-baħar tal-UE u tal-fruntieri esterni fuq l-art tal-UE ma' pajjiżi ġirien fl-Ewropa kontinentali għajr il-pajjiżi tal-UE, il-pajjiżi ta' Schengen u l-pajjiżi tal-EFTA, u 10 % tas-sehem tal-Istat Membru mill-viżi uniformi totali tal-UE applikati għal soġġorni qosra (2024). L-Istati Membri bi fruntiera esterna diretta mar-Russja jew il-Belarussja ser ikollhom fattur ta' 1.25 għal dawk il-fruntieri speċifiċi taħt il-fruntieri esterni.
  - ii) 35 % għall-migrazzjoni, l-integrazzjoni u l-ażil abbażi tal-medja tas-sehem tal-Istat Membru mit-total tal-applikanti għall-ażil fl-UE (2022-2024), is-sehem tal-Istati Membri mill-għadd totali ta' deċiżjonijiet pożittivi fl-ewwel istanza dwar l-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE (2022-2024), is-sehem tal-Istat Membru mill-għadd totali ta' benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja fl-UE minn pajjiżi mhux tal-UE (2022-2024), u s-sehem tal-Istat Membru mill-għadd totali ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi rritornati wara ordni ta' tluq (2022-2024).
  - iii) 20 % għas-sigurtà interna bin-normalizzazzjoni ta' 40 % tas-sehem tal-Istat Membru mill-popolazzjoni tal-UE (2024); 45 % tal-ING invertit per capita tal-Istat Membru mkejjejl f'PPS (2023) meta mqabbel mal-medja tal-UE, u 15 % tas-sehem taż-żona ta' superfiċje tal-UE tal-Istat Membru.
64. Ser jiġi allokat ammont sa EUR [400] miljun għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali taħt il-Pjan tal-Litwanja għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi.

65. L-Istati Membri ser jallokaw ammont minimu lir-regġuni inqas żviluppata, li ser jiġi determinat billi tiġi multiplikata l-popolazzjoni li tgħix freġġuni inqas żviluppata (2021-2023) bħala sehem mill-popolazzjoni totali tal-Istat Membru (2021-2023) għall-pakkett allokati minn qabel għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, eskluż l-ammonti minimi għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni u tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Ser jiġi applikat fattur ta' 1.16 jekk l-ING per capita ta' Stat Membru, imkejjejl f'PPS (2021-2023), ikun inqas minn 75 % tal-medja tal-UE.

Limitu massimu u xibka ta' sikurezza għar-regġuni inqas żviluppata ser jiġu applikati għall-Istati Membri kollha, l-ammont allokati lir-regġuni inqas żviluppata mhux ser ikun inqas minn 90 % jew oġhla minn 112.5 % tal-aħħar allokazzjonijiet adottati għall-perjodu 2021-2027 (Ġunju 2025) għar-regġuni inqas żviluppata.

66. L-ammonti minimi għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni għal kull Stat Membru ser ikunu bbażati fuq l-allokazzjonijiet għall-Politika Agrikola Komuni fl-2027. L-ammonti minimi għall-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd ser ikunu bbażati fuq l-allokazzjonijiet taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura għall-perjodu 2021-2027.

#### Metodoloġija ta' allokazzjoni għall-Interreg

67. Għall-Interreg, l-allokazzjoni lill-Istati Membri ser tiġi determinata kif ġej:

- i) 45.8 % abbażi tal-popolazzjoni totali tar-regġuni tal-fruntieri kollha ta' livell NUTS 3 u ta' regġuni oħra ta' livell NUTS 3 fejn tal-inqas nofs il-popolazzjoni reġjonali tgħix f'distanza ta' inqas minn [25] kilometru mill-fruntieri (2021);
- ii) 30.5 % abbażi tal-popolazzjoni li tgħix f'distanza ta' inqas minn [25] kilometru mill-fruntieri (2021);
- iii) 20 % abbażi tal-popolazzjoni totali (2022-2024);
- iv) 3.7 % ponderazzjoni bbażata fuq il-popolazzjoni tar-regġuni ultraperiferiċi (2022-2024).

68. Is-sehem tal-kooperazzjoni transfruntiera jikkorrispondi għas-somma tal-ponderazzjoni tal-kriterji (i) u (ii). Is-sehem tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (iii). Is-sehem tal-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkorrispondi għall-ponderazzjoni tal-kriterju (iv).

Prefinanzjament u kofinanzjament

69. Il-Kummissjoni ser tħallas il-prefinanzjament abbażi tal-appoġġ allokat għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. Il-prefinanzjament ser jitħallas kif ġej:

i) 2028: [4] %, [imħallas biss jekk id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni jiġu adottati mill-Kunsill sat-30 ta' Novembru 2028] JEW [Jekk id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni ma jiġux adottati mill-Kunsill sat-30 ta' Novembru 2028, dan il-prefinanzjament ser jiżdied mal-ammont għall-2029 u l-2030.]

ii) 2029: [3] %

iii) 2030: [3] %

Għar-Reġjuni Ultraperiferiċi u l-Interreg, il-prefinanzjament ser jitħallas kif ġej:

iv) 2028: [4] %

v) 2029: [4] %

vi) 2030: [4] %

[jew b'mod sħiħ fis-sena tal-approvazzjoni tal-kapitolu tal-Pjan Interreg.]

70. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni għall-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali mhux ser tkun oġġla minn:

- i) [85] % għar-reġjuni inqas żviluppati, u r-Reġjuni Ultraperiferiċi,
- ii) [60] % għar-reġjuni fi tranżizzjoni
- iii) [40] % għar-reġjuni aktar żviluppati

Meta ma jkunx possibbli li jiġi determinat il-proporzjon ta' implimentazzjoni f'kategorija partikolari ta' reġjun, ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni ser tiġi kkalkulata bl-użu tal-medja ponderata tal-popolazzjoni tar-rati ta' kontribuzzjoni applikabbli tar-reġjuni.

[L-Istati Membri magħmula minn reġjun uniku li jkun biddel il-kategorija meta mqabbel mal-QFP 2021-2027 minn tranżizzjoni għal reġjun aktar żviluppat jistgħu jagħżlu li japplikaw rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni ta' 60 %.]

71. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni għall-Interreg mhux ser tkun oġġla minn [80] %. Għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-kooperazzjoni transfruntiera fil-fruntieri esterni, ir-rata ta' kofinanzjament mhux ser tkun oġġla minn [85] %.

72. Għall-interventi marbuta mal-Politika Agrikola Komuni, ir-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni mhux ser tkun oġġla minn:

- i) [100] % għall-miżuri li ġejjin: appoġġ digressiv għall-introjtu bbażat fuq iż-żona, appoġġ akkoppjat għall-introjtu, pagament speċifiku għall-għelejjel għall-qoton u appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar. Dawn l-interventi ma jistgħux jiġu ffinanzjati lil hinn mill-ammont minimu għall-Politika Agrikola Komuni;
- ii) [100] % għal arranġamenti u miżuri speċifiċi ta' provvista biex jassistu lill-prodotti agrikoli lokali fir-reġjuni ultraperiferiċi, li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Istat Membru kkonċernat mill-allokazzjoni finanzjarja tiegħu li tirriżulta mill-koeffiċjent ġenerali;
- iii) [85] % għal interventi oħra fir-reġjuni ultraperiferiċi;
- iv) [70] % għal miżuri oħra għall-agrikoltura;
- v) [70] % għall-interventi fl-iskema tal-iskejjel tal-UE;
- vi) [70] % għas-setturi taħt l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq.

Għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni marbuta ma' LEADER, l-appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien, il-kooperazzjoni territorjali u lokali, u l-interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer minuri tal-Eġew, kif ukoll il-finanzjament minn barra l-appoġġ minimu delimitat għall-agrikoltura, ser japplikaw ir-rati standard ta' kofinanzjament tal-Unjoni stabbiliti hawn fuq.

Għall-interventi tal-Politika Agrikola Komuni, ir-rata massima ta' appoġġ ser tkun:

- i) [75] % għall-investimenti għall-bdiewa u għad-detenturi tal-foresti, ħlief għall-investimenti mmirati lejn il-bdiewa żgħażaġh fejn dan ser ikun [85] % u għall-investimenti ekoloġiċi mhux produttivi fejn ser ikun [100] %.
  - ii) [75] % għall-interventi settorjali, bil-possibbiltà li l-Istati Membri jżiduha sa [95] % għall-interventi marbuta mat-tiġdid ġenerazzjonali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju jew l-ambjent u l-klima, u għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jimplimentaw programmi operazzjonali għall-ewwel darba; sa [100 %] għall-interventi li jikkompensaw lill-produtturi għat-telf ta' dħul jew għall-interventi li jikkonċernaw l-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas li ma jaqbżux il-5 % tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzat minn organizzazzjoni tal-produtturi.
  - iii) [70%] għall-ġhodod għall-ġestjoni tar-riskju.
73. Għall-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd, ir-rata massima ta' appoġġ ser tkun sa 100 % b'rati differenzjati possibbli għal kategoriji speċifiċi ta' interventi.
74. Għall-interventi taħt il-Politika Komuni tas-Sajd, il-kofinanzjament tal-Unjoni għall-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi ser ikun ta' [100 %].

75. Għal interventi fil-qasam tal-Affarijiet Interni relatati mar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja, it-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, l-ispejjeż operattivi li għandhom jiġu koperti mid-dħul tal-ETIAS u l-ispejjeż relatati mal-iskema ta' tranżitu speċjali, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà, il-kofinanzjament tal-Unjoni ser ikun ta' [100] %. Għal interventi oħra fil-qasam tal-Affarijiet Interni, il-linja bażi għall-kofinanzjament tal-Unjoni mhux ser tkun ogħla minn [75] %.

#### Regoli ta' diżimpenn

76. Bl-eċċezzjoni ta' xi interventi tal-PAK, il-Kummissjoni ser tiddiżimpenja awtomatikament kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali u l-kapitolu dwar il-Pjan Interreg li ma jkunx intuża għall-prefinanzjament jew li għalih ma tkunx ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-pagament sal-31 ta' Diċembru tas-[sena] wara dik tal-impenn baġitarju.
77. [Kwalunkwe diżimpenn minħabba n-nuqqas ta' twettiq tal-kundizzjonijiet orizzontali tal-Karta u tal-Istat tad-Dritt għal sena jista' jerġa' jsir disponibbli mill-awtorità baġitarja għall-użu taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati b'għestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari l-appoġġ għad-demokrazija u s-soċjetà ċivili tal-Ewropa, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.]

#### **Appoġġ għall-Komunità Ċiprijotta-Torka**

78. Din l-Intestatura ser tiffinanzja wkoll l-appoġġ lill-komunità Ċiprijotta-Torka. Il-pakkett finanzjarju indikattiv allokat għall-programm ser ikun ta' EUR [389] miljun.

#### **Appoġġ għall-Programm Peace PLUS**

79. Total ta' EUR [X] miljun ser jiġu allokati għall-programm PEACE PLUS b'appoġġ għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni u sabiex titkompla l-kooperazzjoni transkonfinali bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

## **Ħlas lura ta' NextGenerationEU**

80. Il-ħlas lura għall-fondi mislufa fis-swieq kapitali biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 (NGEU), li jinkludi l-pagament tal-kapital, il-pagamenti tal-imgħax kif ukoll il-kostijiet assoċjati, ser jiġi ffinanzjat taħt din l-intestatura. Il-ħlas lura ser jibda fl-2028 biex jiġi żgurat tnaqqis kostanti u prevedibbli fl-obbligazzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2058. L-ammont totali għall-2028-2034 ser ikun ta' EUR [149 296] miljun użat esklużivament biex ikopri l-ħlasijiet lura, il-pagamenti tal-imgħax u l-kostijiet assoċjati. Il-kostijiet akbar milli ppjanat jew l-iffrankar fuq il-pagamenti tal-imgħax u l-kostijiet assoċjati ser inaqqsu jew iżidu l-ammont għall-pagament tal-kapital, rispettivament, filwaqt li jiżguraw ammont annwali fiss għall-finanzjament tal-NGEU.

## **Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**

81. Bil-ħsieb li tiġi appoġġata r-responsabbiltà kondiviża tas-sigurtà tal-fruntieri esterni filwaqt li jiġi ssalvagwardat il-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, l-azzjonijiet taħt l-affarijiet interni ser jiġu kkomplementati mill-azzjonijiet imwettqa minn Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) imsaħħa b'allokazzjoni ta' EUR [8 576] miljun.

### **III. INTESTATURA 2 - KOMPETITTIVITÀ, PROSPERITÀ U SIGURTÀ**

82. Il-kompetittività, il-prosperità u s-sigurtà jikkorrispondu għal qasam fejn l-azzjoni tal-UE għandha valur miżjud sinifikanti għall-Istati Membri kollha madwar l-Unjoni. L-inizjattivi taħt din l-Intestatura għandhom jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea fit-teknoloġiji u s-setturi strateġiċi mir-riċerka kollaborattiva saż-żieda fl-innovazzjoni, l-użu u l-manifattura industrijali u tal-infrastruttura, b'appoġġ għal proġetti u kumpaniji inkluż l-SMEs u l-attrazzjoni ta' investimenti privati, istituzzjonali u nazzjonali. Barra minn hekk, din l-Intestatura ser tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni ċivili u t-tnejnija u r-rispons f'każ ta' emerġenza tas-saħħa, għall-finanzjament fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni, is-solidarjetà, il-kultura, il-media, id-demokrazija u l-valuri Ewropej, kif ukoll għall-appoġġ tal-funzjonament tas-Suq Uniku.
83. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jeċċedi:

INTESTATURA 2 - KOMPETITTIVITÀ, PROSPERITÀ U SIGURTÀ						
(Miljun ta' euro, prezzijiet tal-2025)						
2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
X	X	X	X	X	X	X

#### **Fond Ewropew għall-Kompetittività**

84. Ser jiġi stabbilit Fond Ewropew għall-Kompetittività (il-"FEK") biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea kollha kemm hi, b'mod partikolari f'setturi u teknoloġiji strateġiċi matul il-vjaġġ ta' investiment abbażi ta' proċeduri ta' għoti miftuħa, kompetittivi u ġusti. Bl-impenn għall-eċċellenza fiċ-ċentru tiegħu, il-FEK ser jiżgura opportunitajiet indaqs għall-aċċess għall-finanzjament, itejjeb l-iżvilupp tan-negozju, isaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-innovazzjoni madwar l-UE. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs u lill-mid-caps żgħar fl-Istati Membri kollha.

85. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-FEK għall-perjodu 2028-2034 ser ikun ta' EUR [198 959] miljun. Il-pakkett finanzjarju ser jiġi allokat b'mod indikattiv kif ġej:
- i) EUR [9 749] miljun għall-objettivi ġenerali;
  - ii) EUR [22 256] miljun għal Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali;
  - iii) EUR [17 235] miljun għas-Saħħa, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura u l-Bioekonomija;
  - iv) EUR [43 604] miljun għat-Tmexxija Diġitali;
  - v) EUR [106 115] miljun għar-Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju.
86. Flimkien, il-FEK, Orizzont Ewropa u l-Fond għall-Innovazzjoni ser jipprovdu appoġġ koerenti għall-kompetittività tal-Unjoni, matul il-vjaġġ ta' investiment. Il-FEK jista' jappoġġa Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs), bil-kundizzjoni ta' kofinanzjament nazzjonali [u proġetti ta' segwitu bbażati fuq ir-riżultati mill-IPCEIs, bil-kundizzjoni ta' investimenti privati sinifikanti.]
87. Strument InvestEU tal-FEK ser iservi bħala għodda ta' twassil orizzontali għall-politiki interni tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali permezz ta' garanziji baġitarji u strumenti finanzjarji. L-istrument ser jiġi implimentat mis-sħab f'arkitettura miftuħa, abbażi tal-għarfien espert tas-sħab kollha inkarigati mill-implimentazzjoni, inkluż il-Banek Promozzjonali Nazzjonali, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol speċjali tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), fejn mill-inqas [50] % tal-garanzija minima tal-UE taħt il-kompartiment tal-UE ser jingħata lill-Grupp tal-BEI u mill-inqas [25] % ser jingħata lil sħab ta' implimentazzjoni oħra. L-istrument jista' jipprovdi appoġġ taħt programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-objettivi stabbiliti f'dawk il-programmi. L-ammont massimu tal-garanzija baġitarja taħt il-Kompartiment tal-UE tal-Istrument InvestEU tal-FEK ser ikun ta' EUR [70 000] miljun (fi prezzijiet attwali). L-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK ser ikun ta' EUR [17 000] miljun (fi prezzijiet attwali). Il-kontribuzzjonijiet mit-twieqi ta' politika li ser jintużaw biex jiżdied l-ammont minimu tal-appoġġ tal-Unjoni mill-FEK mogħti permezz tal-Istrument InvestEU tal-FEK ser ikunu mill-inqas 5 % tal-allokkazzjonijiet ikkombinati tagħhom.

88. Mill-1 ta' Jannar 2028, (i) id-dħul, il-ħlas lura u l-irkupri mill-istrumenti finanzjarji ffinanzjati minn dan ir-Regolament tal-FEK u l-predeċessuri tal-InvestEU tal-FEK u (ii) is-surpluses mill-garanziji baġitarji stabbiliti fil-politiki interni sa tmiem l-2027, ser jintużaw biex jingħata appoġġ tal-Unjoni taħt l-istrument InvestEU tal-FEK.
89. Huwa essenzjali li l-finanzjament Ewropew jikkontribwixxi għall-adozzjoni ta' teknoloġiji strateġiċi żviluppati fl-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-proċeduri tal-għoti jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Unjoni, inkluż il-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi u l-awtonomija tal-Unjoni fejn meħtieġ u xieraq permezz ta' kundizzjonijiet preferenzjali bħal restrizzjonijiet jew inċentivi għall-entitajiet tal-Unjoni, filwaqt li tiġi limitata d-distorsjoni tas-Suq Uniku.
90. [Il-FEK f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati ser jinkludi l-possibbiltà ta' appoġġ aċċellerat għal proġetti ta' interess pubbliku imperattiv jew b'sensittività kritika għaż-żmien, li altrimenti ma jkunux jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv skont ir-regoli normali u li ser jibbenefikaw minn ċerti żidiet, eċċezzjonijiet, u derogi mil-liġi applikabbli matul il-proċedura tal-għoti jew l-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati.]

L-ECF ser tappoġġa Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea b'saħħitha biex tiżgura l-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għall-isfidi emerġenti tas-sigurtà [inkluż l-appoġġ għall-baży industrijali u teknoloġika tad-difiża Ukrena.]

## **Orizzont Ewropa**

91. Orizzont Ewropa għandu jkun marbut mill-qrib mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investment tal-Unjoni. L-appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-pilastru kollha ta' Orizzont Ewropa ser ikun ibbażat fuq l-eċċellenza. Fl-istess ħin, id-diskrepanza fil-parteċipazzjoni u d-distakk fl-innovazzjoni jridu jkomplu jiġu indirizzati. Għal dan l-għan, Orizzont Ewropa, iggwidata mill-prinċipju tal-eċċellenza, ser itejjeb il-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi tat-twessigħ u tat-tranżizzjoni permezz tal-pilastru IV (Żona Ewropea tar-Riċerka).

92. Mill-2030 'il quddiem, l-aċċess għal miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet huwa ristrett għal dawk il-pajjiżi tat-twessigħ u tat-tranżizzjoni u li żiedu n-nefqa nominali tagħhom tal-investment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp li tinkludi l-investment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża fl-aħħar sena magħrufa meta mqabbla mas-sena ta' qabel.
93. Il-pajjiżi tat-tranżizzjoni ser ikollhom ukoll aċċess għal miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet fil-pilastru IV, b'modalitajiet differenzjati mill-pajjiżi tat-twessigħ, bħal rati ta' finanzjament tal-UE aktar baxxi.
94. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għal Orizzont Ewropa għall-perjodu 2028-2034 ser ikun EUR [148 579] miljun, li minnhom
- i) EUR [37 420] miljun għal Xjenza Eċċellenti;
  - ii) EUR [64 145] miljun għall-Kompetittività u s-Soċjetà;
  - iii) EUR [32 929] miljun għall-Innovazzjoni;
  - iv) EUR [13 807] miljun għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka, li minnhom [4 573] miljun għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni.

### **Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**

95. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha l-għan li taċċellera l-investment fil-qasam tan-networks trans-Ewropej għat-trasport u l-enerġija u li tingrana l-finanzjament kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat kif ukoll li tiffaċilita l-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.
96. Il-pakkett finanzjarju indikattiv għall-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2028-2034 ser ikun ta' EUR [69 309] miljun, li minnhom:
- i) EUR [43 889] miljun għat-trasport u l-mobbiltà militari[, li minnhom EUR [15 110] għall-mobbiltà militari].
  - ii) EUR [25 420] miljun għall-enerġija.

97. Il-kofinanzjament massimu tal-Unjoni għandu jkun kif ġej:
- i) [50] % għall-istudji meħtieġa għat-tnejn tal-implimentazzjoni tal-proġett;
  - ii) [50] % għal xogħlijiet relatati mas-settur tat-trasport, li għandhom jiżdienu għal [75] % għall-Istati Membri b'ING per capita ta' inqas minn 90 % tal-medja tal-UE;
  - iii) [50] % għal xogħlijiet relatati mas-settur tal-enerġija;
  - iv) [75] % għal azzjonijiet fis-settur tal-enerġija li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni;
  - v) [60] % għal xogħlijiet fis-setturi tat-trasport u tal-enerġija mwettqa fir-reġjuni ultraperiferiċi.

### **Il-protezzjoni ċivili u l-preparatezza u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa**

98. Il-Mekkaniżmu l-ġdid tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-appoġġ tal-Unjoni għat-Tnejn u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa ser jipprovdu appoġġ għall-prevenzjoni, għat-tnejn u għar-rispons għal kull tip ta' diżastru naturali u kkawżat mill-bniedem inkluż theddid transfruntier għas-saħħa, li jista' jseħħ fl-Unjoni jew barra minnha. Il-pakkett finanzjarju indikattiv allokat għall-programm ser ikun ta' EUR [9 073] miljun.

### **L-edukazzjoni, il-kultura, id-demokrazija u l-valuri Ewropej**

99. Erasmus+ ser jappoġġa edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u ser jipprovdi opportunitajiet ta' taġlim u mobbiltà għaż-żgħażaġh, l-apprendisti, l-istudenti u l-għalliema. Erasmus+ ser jappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà u kooperazzjoni fil-qasam tal-Isport. Il-pakkett finanzjarju indikattiv allokat għall-programm ser ikun ta' EUR [34 713] miljun b'allokazzjonijiet indikattivi għal (1) edukazzjoni u taħriġ; (2) iż-żgħażaġh u (3) l-isport.
100. AgoraEU ser tiġbor flimkien l-appoġġ għad-demokrazija, il-kultura, il-media u s-soċjetà ċivili. Il-pakkett finanzjarju indikattiv allokat għall-programm ser ikun ta' EUR [7 295] miljun b'allokazzjonijiet indikattivi għal (1) kultura; (2) il-media u (3) id-demokrazija, iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet, il-valuri.

## **Ir-riċerka tal-Euratom u s-sikurezza nukleari**

101. Din l-Intestatura ser tkompli tappoġġa l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika b'pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [8 350] miljun, li minnhom EUR [4 941] miljun ser jikkontribwixxu għall-proġett ITER.
102. L-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari u d-Dekummissjonar ser ikollu pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [818] miljun. L-appoġġ għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja ser ikompli b'pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [604] miljun u b'rata massima ta' kofinanzjament tal-Unjoni ta' [86] %.

## **Programmi oħrajn**

103. Din l-Intestatura ser tipprovdi wkoll finanzjament għall-programm Ġustizzja b'pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [679] miljun, il-programm Pericles V b'pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [7] miljun u Programm għas-Suq Uniku u d-Dwana li jinkludi l-funzjonament tas-Suq Uniku, l-Unjoni Doganali, it-Tassazzjoni u l-Ġlieda kontra l-Frodi b'pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [5 312] miljun.

#### IV. INTESTATURA 3 – EWROPA GLOBALI

104. Din l-intestatura tiffinanzja l-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari s-*sħubijiet* internazzjonali inkluż il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajjnuna umanitarja u l-assistenza għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li jkunu qed iħejju għall-adeżjoni mal-Unjoni. Il-finanzjament tal-azzjoni esterna ser ikun aktar sempliċi, aktar iffukat, u aktar flessibbli, filwaqt li jippreserva l-prevedibbiltà tal-appoġġ tal-UE. Dan ser jiddefendi u jipromwovi l-valuri u l-interessi strateġiċi tal-Unjoni filwaqt li jipromwovi *sħubijiet ta' beneficiċċju reċiproku*. Ser jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, kif ukoll id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni u appoġġ sod kontinwu lill-Ukrajna.

105. Il-livell ta' impenji għal din l-Intestatura mhux ser jeċċedi:

INTESTATURA 3 – EWROPA GLOBALI						
(Miljun ta' euro, prezzijiet tal-2025)						
2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
X	X	X	X	X	X	X

## Strument Ewropa Globali

106. L-Istrument Ewropa Globali ser iservi firxa wiesgħa ta' politiki tal-Unjoni, inkluż appoġġ lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali fit-tnejn tagħhom għal sħubija futura mal-Unjoni, kif ukoll azzjonijiet relatati mal-politika dwar il-viċinat, sħubijiet internazzjonali inkluż il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, l-appoġġ lill-Ukrajna u l-aspetti esterni ta' politiki oħra tal-Unjoni. L-Istrument ser jippermetti lill-Unjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tirrispondi b'mod komprensiv għall-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat b'mod li jkun koerenti mal-approċċ globali għall-migrazzjoni u komplementari għad-dimensjoni interna tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. L-appoġġ taħt l-istrument ser jitrawwem permezz ta' firxa wiesgħa ta' għodod, li jiżguraw sinerġiji mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u koerenza mal-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway.
107. L-Istrument Ewropa Globali ser jiġi implimentat primarjament permezz ta' azzjonijiet programmabbli ġeografiċi, ikkomplementati fejn rilevanti minn azzjonijiet mhux programmabbli. L-azzjonijiet mhux programmabbli ser jinkludu azzjonijiet ta' għajnuna umanitarja f'konformità mar-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja, assistenza makrofinanzjarja, azzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-kriżi, tal-paċi u tal-politika barranija, ir-reżiljenza, u l-kompetittività.

108. L-Istrument Ewropa Globali ser ikollu pakkett finanzjarju indikattiv ta' EUR [169 542] miljun.

Il-pakkett finanzjarju ser jiġi allokati b'mod indikattiv kif ġej:

- i) EUR [36 542] miljun għall-pilastru għat-Tkabbir u l-Ewropa;
- ii) EUR [36 341] miljun għal-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-pilastru tal-Golf;
- iii) EUR [51 234] miljun għall-pilastru tal-Afrika sub-Saħarjana;
- iv) EUR [14 431] miljun għall-pilastru tal-Asja u l-Paċifiku;
- v) EUR [7 740] miljun għall-pilastru tal-Ameriki u l-Karibew;
- vi) EUR [10 722] miljun għall-pilastru Globali;
- vii) EUR [12 532] miljun għal riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti.

Jenħtieġ li mill-inqas 90 % tan-nefqa taħt l-Istrument tissodisfa l-kriterji għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, inkluż fir-rigward tal-pajjiżi l-anqas żviluppati. Jenħtieġ li n-nefqa għall-appoġġ lill-Ukrajna tiġi eskluża minn din il-mira.

Mill-pakkett finanzjarju indikattiv totali tal-Istrument, jenħtieġ li EUR [25 000] miljun (fi prezzijiet attwali) indikattivi jiġu ddedikati għall-għajnuna umanitarja.

Mill-pakkett finanzjarju indikattiv totali tal-Istrument, jenħtieġ li jiġi ddedikat [10] % indikattiv għal azzjonijiet li jappoġġaw id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inkluż il-kawżi ewlenin.

109. Il-Kunsill ser ikollu rwol ċentrali matul l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-istrument, inkluż l-għoti ta' tmexxija strateġika u politika ex ante, il-mobilizzazzjoni tal-assistenza għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-prestazzjoni.

110. L-Istrument għandu jippermetti l-għoti ta' appoġġ sa ammont massimu ta' EUR [95 000] miljun (fi prezzijiet attwali) fil-forma ta' garanziji baġitarji, self tal-Euratom, self fil-forma ta' assistenza makrofinanzjarja, u self ibbażat fuq il-politika b'mod partikolari lill-pajjiżi sħab li jimplimentaw pjanijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni. [Is-self ibbażat fuq il-politika ser ikun disponibbli permezz ta' atti ta' implimentazzjoni]. Ammont indikattiv ta' EUR [19 000] biljun (fi prezzijiet attwali) ser jiġi allokat lill-BEI.
111. Approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati taħt dan l-istrument ser jiġu riportati awtomatikament għas-sena finanzjarja ta' wara.
112. Kwalunkwe porzjon ta' impenn baġitarju għal azzjoni li, sal-31 ta' Diċembru tal-[ħames] sena wara dik tal-impenn baġitarju, ma tkunx intużat għall-fini ta' prefinanzjament jew biex isiru pagamenti interim, jew li għaliha ma tkun ġiet sottomessa l-ebda dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa jew talba għall-ħlas.

### **Appoġġ għall-Ukrajna**

113. L-Unjoni ser tkompli tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna għall-proċess ta' adeżjoni u r-rikostruzzjoni fit-tul tagħha. Għall-perjodu 2028-2034, ser jingħata appoġġ lill-Ukrajna sa mhux aktar minn EUR [88 869] miljun fil-forma ta':
- i) Proviżjonament ta' garanziji baġitarji u appoġġ għajr fil-forma ta' self iffinanzjati minn Riżerva għall-Ukrajna lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, b'limitu massimu annwali ta' EUR [13 500] miljun;
  - ii) Appoġġ fil-forma ta' self garantit mill-marġni ta' manuvra.

L-Unjoni tista' tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna fil-forma ta' garanzija baġitarja sa EUR [42 658] miljun. Ammont indikattiv minimu ta' EUR [12 000] miljun ser jiġi allokat lill-BEI.

Barra minn hekk, l-Unjoni tista' tipprovdi sussidju tal-kost tal-imgħax għas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna lil hinn minn dawn l-ammonti.

114. Finanzjament addizzjonali għall-Ukrajna jista' jingħata prijorità mill-pilastru tat-Tkabbir u tal-Ewropa u dak Globali u mir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għall-appoġġ fil-forma ta' assistenza umanitarja u attivitajiet oħra debitament immirati, filwaqt li tiġi ppreservata l-prevedibbiltà tal-appoġġ lil sħab oħra.
115. Il-Kunsill ser ikompli jkun involut mill-qrib fil-governanza tal-appoġġ għall-Ukrajna.

### **Azzjoni esterna barra mill-Istrument Ewropa Globali**

116. Din l-Intestatura ser tiffinanzja wkoll allokkazzjonijiet finanzjarji indikattivi ta' EUR [2 864] miljun għall-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni, EUR [1 132] miljun għall-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, u EUR [887] miljun għall-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej, inkluż Greenland.

### **Faċilità Ewropea għall-Paċi**

117. Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi ser tkompli topera bħala strument barra mill-baġit biex tiffinanzja azzjonijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża għall-perjodu 2028-2034. Il-limitu massimu finanzjarju għall-Faċilità ser ikun ta' EUR [27 104] miljun u ser jiġi ffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri abbażi ta' koeffiċjent tal-kontribuzzjoni tal-ING.

## V. INTESTATURA 4 - AMMINISTRAZZJONI

118. Amministrazzjoni pubblika Ewropea ferm professjonali, irreklutata fuq il-bażi ġeografika l-aktar wiesgħa possibbli, taqdi rwol kruċjali fl-appoġġ tal-Unjoni lejn it-twettiq tal-prijoritajiet tagħha u timplimenta politiki u programmi ta' interess Ewropew komuni. Fl-istess ħin, l-isforzi ta' simplifikazzjoni fl-oqsma ta' politika kollha, inkluż il-pakketti omnibus u t-tnaqqis fl-għadd ta' programmi tal-QFP, kif ukoll l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, inkluż l-IA, għandhom iwasslu għal tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi u ffrankar korrispondenti. Filwaqt li jiġu rikonoxxuti d-domandi li qed jinbidlu fuq l-amministrazzjoni fid-dawl tal-prijoritajiet li qed jevolvu, jibqa' kruċjali li jittejbu kontinwament il-flessibbiltà, l-effiċjenza, it-trasparenza u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea.
119. L-approprijazzjonijiet ta' impenn għal din l-Intestatura, li jammontaw għal EUR [103 829] miljun, li tikkonsisti min-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet u l-iskejjel u l-pensjonijiet Ewropej, mhumiex ser jaqbu:

INTESTATURA 4 - AMMINISTRAZZJONI						
(Miljun ta' euro, prezzijiet tal-2025)						
2028	2029	2030	2031	2032	2033	2034
X	X	X	X	X	X	X

120. Il-limiti massimi ta' din l-Intestatura ser jiġu stabbiliti b'tali mod li jiġu evitati marġnijiet eċċessivi u li jirriflettu l-aġġustamenti mistennija fis-salarji, il-progressjoni tal-karriera, il-kostijiet tal-pensjonijiet, il-kompiti u l-prijoritajiet ġodda implimentati mill-istituzzjonijiet, il-finanzjament ta' proġetti ppjanati ta' bini [inkluż għar-rinnovazzjoni tal-bini Justus Lipsius], u suppożizzjonijiet rilevanti oħra.
121. Il-limiti massimi ta' din l-Intestatura għandhom jiġu stabbiliti biex jieħdu kont ta' [stabilizzazzjoni tal-għadd totali ta' persunal fil-livell attwali għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE [il-korpi, l-aġenziji u l-amministrazzjonijiet tagħhom]] JEW [żieda fl-għadd totali ta' persunal ta' [2 500] għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE].

122. Il-prinċipju tad-dixxiplina baġitarja għandu japplika għall-istituzzjonijiet kollha, biex ikompli jiġi mmonitorjat u ġestit l-infiq amministrattiv. L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE huma mistiedna jwettqu rieżamijiet regolari tal-infiq amministrattiv tagħhom biex jirfdu l-ġestjoni tat-talbiet li qed jinbidlu, filwaqt li jiżguraw it-twettiq ta' kisbiet fl-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-persunal billi jiffokaw fuq oqsma ewlenin u jwaqqfu l-kompiti ta' inqas prijorità. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni hija mistiedna tipproponi inizjattivi biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni interistituzzjonali, bħal fl-oqsma tal-IT, taċ-ċibersigurtà, tal-akkwist u tal-bini. Barra minn hekk, ir-rieżami fuq skala kbira tal-Kummissjoni jirrappreżenta opportunità kritika u jista' jservi bħala proġett pilota li għandu jiġi implimentat mill-istituzzjonijiet kollha.
123. In-nefqa ta' appoġġ għall-programm għandha tkompli tkun marbuta man-nefqa operazzjonali fi ħdan il-pakketti tal-programm jew il-qasam ta' politika rispettivi, filwaqt li tiżgura monitoraġġ u rappurtar trasparenti, kontinwu, regolari u komprensiv fl-Intestaturi kollha;
124. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-aġenziji deċentralizzati u korpi oħra għandha tkompli tiġi ffinanzjata mill-intestaturi ta' politika relatati mal-iskop tagħhom;

## VI. DĦUL

125. L-arranġamenti għar-riżorsi proprji għandhom ikunu ggwidati mill-oġġettivi ġenerali ta' sempliċità, trasparenza u ekwità, inkluż il-qsim ġust tal-piżijiet. L-ammont totali ta' riżorsi proprji allokati lill-baġit tal-Unjoni biex ikopri approprjazzjonijiet ta' pagament annwali ma għandux jaqbeż [1.75] % tat-total tal-ING kollu tal-Istati Membri. L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn annwali ma għandux jaqbeż [1.81] % tat-total tal-ING kollu tal-Istati Membri. Ser jinżamm proporzjon ordnat bejn approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament.
126. L-ammonti tal-limiti massimi tar-riżorsi proprji jkomplu jiżdiedu temporanjament b'0.6 punti perċentwali tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha li jirriżultaw mis-self relatat man-NextGenerationEU, sakemm dawn l-obbligazzjonijiet kollha ma jibqgħux jeżistu, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058.
127. Il-limiti massimi għan-nefqa tal-QFP huma vinkolanti, u l-marġni ta' manuvra għandu jiġi attivat f'avvenimenti straordinarji biss. Jekk tipproponi strumenti ġodda jew tattiva strumenti eżistenti li jibbenefikaw minn garanzija mill-marġni ta' manuvra, il-Kummissjoni ser tipprovdi tbassir dettaljat tal-impatt fuq l-użu tal-marġni ta' manuvra flimkien mal-proposta.
128. [F'każ ta' kriżi severa, tbatija severa jew theddida serja li taffettwa lill-Unjoni jew lill-Istati Membri tagħha fil-perjodu 2028-2034, il-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew u jqis kwalunkwe gwida possibbli mill-Kunsill Ewropew, jista' jiddeċiedi li jawtorizza lill-Kummissjoni tissellef b'mod straordinarju fondi mis-swieq kapitali għal self lill-Istati Membri għall-iskop uniku li jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' sitwazzjonijiet bħal dawn. [Is-somma tal-fondi mislufa mhux ser taqbeż [350 biljun EUR] għall-perjodu 2028-2034.] L-ammonti tal-limiti massimi tar-riżorsi proprji għandhom jiżdiedu temporanjament b'[0.25] punti perċentwali għall-iskop uniku li jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kollha tal-Unjoni li jirriżultaw mis-self għal tali self sakemm dawn l-obbligazzjonijiet kollha ma jibqgħux jeżistu.]

129. Is-sistema l-ġdida ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ser tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara l-wasla tan-notifika tal-adozzjoni tagħha mill-aħħar Stat Membru. L-elementi kollha tagħha ser japplikaw b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2028. [Madankollu, ir-riżorsa proprja l-ġdida tar-Riżorsi Korporattivi għall-Ewropa ser tapplika mill-1 ta' Jannar tal-ewwel sena wara s-sena li fiha tkun daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.] L-Istati Membri ser jipproċedu bl-approvazzjoni tad-Deċiżjoni l-ġdida dwar ir-Riżorsi Proprji malajr kemm jista' jkun, skont il-ħtiġiet kostituzzjonali nazzjonali tagħhom.

*Riżorsi proprji tradizzjonali*

130. Mill-1 ta' Jannar 2028, l-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, [10] % tal-ammonti miġburin minnhom. [Id-dħul minn tariffa amministrattiva tal-Unjoni ser isir disponibbli għall-Unjoni bħala riżorsi proprji tradizzjonali mill-1 ta' Jannar 2028.]

*Riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT*

131. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-VAT ser tapplika rata ta' ġbir ta' [0.30] %. Il-limitu massimu tal-bażi tal-VAT ser [jitwaqqaf] JEW [jinżamm].

*Riżorsa proprja bbażata fuq il-plastik*

132. Ir-riżorsa proprja bbażata fuq l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ mhux riċiklat għandha tapplika rata ta' ġbir ta' EUR [1] għal kull kilogramma [aġġustata kull sena għall-inflazzjoni]. Il-mekkaniżmu biex jiġi evitat impatt eċċessivament rigressiv fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali ser [jitwaqqaf] JEW [jinżamm].

133. Ser jiġu introdotti Riżorsi Proprji ġodda magħmula minn dawn li ġejjin:

- i) [Kontribuzzjonijiet annwali mill-kumpaniji bbażati fuq il-fatturat nett annwali tagħhom:
  - a) Minn EUR 100 000 000.01 għal EUR 249 999 999.99 kontribuzzjoni ta' EUR 100 000;
  - b) minn EUR 250 000 000 għal EUR 499 999 999.99 kontribuzzjoni ta' EUR 250 000;
  - c) minn EUR 500 000 000 għal EUR 749 999 999.99 kontribuzzjoni ta' EUR 500 000;
  - d) ta' EUR 750 000 000 jew aktar kontribuzzjoni ta' EUR 750 000.]
- ii) [Kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq l-ammonti ta' tabakk manifatturat u l-ammonti ta' prodotti relatati mat-tabakk rilaxxati għall-konsum immultiplikati bir-rata minima applikabli għal kull Stat Membru b'rata ta' ġbir ta' [15] % għall-Istati Membri kollha.]
- iii) [Kontribuzzjoni nazzjonali kkalkulata fuq il-piż tat-tagħmir elettriku u elettroniku mhux miġbur b'rata ta' ġbir ta' EUR [2] għal kull kilogramma [aġġustata kull sena għall-inflazzjoni.]]
- iv) [Dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet 1 (ETS) b'rata ta' ġbir ta' [30] %.]
- v) [Dħul mill-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) b'rata ta' ġbir ta' [75] %.]

*Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING*

134. L-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' ġbir għas-somma tal-ING ta' kull Stat Membru fid-dawl tat-total tad-dħul l-ieħor kollu tibqa' l-istess. Il-korrezzjonijiet attwali tal-ING ser [jitwaqqfu] JEW [jinżammu].

# Anness. Qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 (f'impenji)

miljun EUR	Proposta tal-KUMM			Kaxxa ta' negozjar	
	Total	Total	Total	Total	Total
	2021-2027	2028-2034	2028-2034	2028-2034	2028-2034
	(prezzijiet attwali)	(prezzijiet attwali)	(prezzijiet tal-2025)	(prezzijiet attwali)	(prezzijiet tal-2025)
<b>TOTAL</b>	<b>1,245,477</b>	<b>1,984,894</b>	<b>1,763,056</b>	<b>1,947,741</b>	<b>1,730,228</b>
<b>Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, agrikoltura, prosperità u sigurtà rurali u marittimi</b>	<b>819,981</b>	<b>1,062,220</b>	<b>946,404</b>	<b>1,057,355</b>	<b>942,142</b>
Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali	784,807	865,076	771,319	863,958	770,366
Apoġġ għall-introġu tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)	282,514	293,699	289,231	293,699	261,013
Politika Komuni tas-Sajd		2,000	1,778	4,000	3,549
Migrazzjoni u għestjoni tal-fruntieri	11,406	34,215	30,608	34,215	30,608
Koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali inkluż is-sajd u l-komunitajiet rurali	452,964	452,965	404,877	458,786	410,080
<i>p.m. Fond Soċjali għall-Klima</i>	14,900	50,100	45,443	50,100	45,443
Interreg	8,935	10,264	9,044	10,264	9,045
Faċilità tal-UE - azzjonijiet tal-Unjoni, li minnhom:	28,989	63,223	56,275	55,792	49,680
<i>Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda</i>	3,132	6,301	5,598	6,301	5,598
<i>Azzjonijiet ta' soldarjetà</i>	6,706	20,117	17,850	16,824	14,928
<i>Azzjonijiet tal-Affarijiet Interni</i>	8,429	25,285	22,435	21,147	18,762
<i>Oħrajn (biet, impjeg u innovazzjoni soċjali...)</i>	10,722	11,520	10,392	11,520	10,392
<i>Faċilità tal-UE - Riżerva</i>		8,710	7,728	7,202	6,391
Apoġġ għall-Komunità Ċiprijotta-Torka	241	438	389	438	389
Aġenziji deċentralizzati	12,217	22,888	20,240	19,141	16,928
<i>Frontex</i>	5,944	11,888	10,498	9,711	8,576
<i>Europol</i>	1,523	2,999	2,649	2,450	2,162
Ħlas lura tan-NGEU	22,715	168,000	149,296	168,000	149,296
Marġni		5,818	5,159	5,818	5,163
<b>Kompetittività, prosperità u sigurtà</b>	<b>220,637</b>	<b>589,594</b>	<b>522,205</b>	<b>566,453</b>	<b>501,711</b>
Fond Ewropew għall-Kompetittività	163,800	450,508	397,753	433,850	383,008
Fond Ewropew għall-Kompetittività (mingħajr il-Fond għall-Innovazzjoni)	134,375	409,301	362,283	392,644	347,538
<i>Orizzont Ewropa</i>	87,654	175,002	154,882	167,880	148,579
<i>Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadfa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali</i>	33,793	67,416	58,670	66,349	57,726
<i>Komponent tal-QFP</i>	4,368	26,210	23,200	25,143	22,256
<i>p.m. Fond għall-Innovazzjoni</i>	29,425	41,206	35,470	41,206	35,470
<i>Reżiljenza u Sigurtà, Industria tad-Difiża, u Spazju</i>	26,359	130,704	115,699	125,385	110,989
<i>Tmexxja Diġitali</i>	10,958	54,793	48,504	52,563	46,529
<i>Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bjoekonomija</i>	5,036	22,593	20,000	21,674	19,185
<i>Ammont minimu tal-Istrument InvestEU tal-FEK u servizzi ta' konsulenza, kontribuzzjoni indikattiva mit-twieqi (parti mit-total tal-FEK)</i>		11,000	9,749	11,000	9,749
Erasmus+	27,369	40,827	36,186	39,165	34,713
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa	31,631	81,428	72,251	78,113	69,309
<i>Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Trasport, li minnhom:</i>	25,714	51,515	45,752	49,418	43,889
<i>Mobbiltà militari</i>	1,765	17,651	15,752	16,933	15,110
<i>Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) - Enerġija</i>	5,917	29,912	26,499	28,695	25,420
Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili + (UCPM+)	2,137	10,675	9,458	10,241	9,073
AgoraEU	4,284	8,582	7,606	8,233	7,295
Programm għas-Suq Uniku u d-Dwana	3,030	6,238	5,538	5,984	5,312
Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom	6,549	9,794	8,706	9,395	8,350
<i>Kontribuzzjoni III-ITER</i>	4,562	5,794	5,150	5,558	4,941
Strument għall-apoġġ ta' emerġenza fi ħdan l-Unjoni (ESI)	232	-	-	-	-
Protezzjoni tal-euro kontra l-kontraffazzjoni (il-programm Pericles V)	6	7	7	7	7
Programm Ignalina	539	678	604	678	604
Kooperazzjoni dwar is-sikurezza nukleari u d-dekummissjonar	769	966	854	927	818
Ġustizzja	297	798	707	766	679
Aġenziji deċentralizzati	6,802	9,798	8,687	9,799	8,685
Oħrajn (Azzjonijiet oħra, prerogattivi)	2,617	2,493	2,233	2,492	2,233
Marġni		8,009	7,085	8,009	7,095
<b>Ewropa Globali</b>	<b>119,989</b>	<b>215,203</b>	<b>190,000</b>	<b>206,757</b>	<b>182,546</b>
Ewropa Globali (*)	114,800	200,309	176,830	192,056	169,542
<i>L-Ewropa</i>	29,998	43,173.0	38,112	41,394	36,542
<i>L-Afrika sub-Saħarjana</i>	36,374	60,532.0	53,438	58,038	51,234
<i>L-Asja u l-Paċifiku</i>	10,524	17,050.0	15,053	16,348	14,431
<i>L-Ameriki u l-Karibew</i>	5,604	9,144.0	8,071	8,767	7,740
<i>Il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf</i>	21,577	42,934.0	37,901	41,165	36,341
<i>Globali</i>	7,622	12,668.0	11,183	12,146	10,722
<i>Riżerva</i>	9,310	14,808.0	13,072	14,198	12,532
Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)	2,683	3,369	2,987	3,230	2,864
Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland	500	999	887	999	887
SFPA u RFMO	1,050	1,331	1,181	1,276	1,132
Oħrajn (Azzjonijiet oħra, prerogattivi)	955	1,124	995	1,124	995
Marġni		8,071	7,120	8,071	7,126
<b>Amministrazzjoni</b>	<b>84,871</b>	<b>117,877</b>	<b>104,447</b>	<b>117,177</b>	<b>103,829</b>
<b>Ogħla mil-limiti massimi, li minnhom:</b>					
Strument ta' Flessibilità		15,777	14,000	15,777	14,000
Ukrajna		100,002	88,869	100,002	88,869
<b>Barra mil-QFP</b>					
Faċilità Ewropea għall-Paċi		30,499	27,104	30,499	27,104
<b>P.M. Catalyst Europe (self b'apoġġ għall-politiki tal-PSNR)</b>		150,000	134,000	150,000	134,000
<b>P.M. Mekkaniżmu ta' kriżi</b>		395,000	350,000	395,000	350,000